Qed issir referenza għal ħames applikazzjonijiet għal dmirijiet ta' superviżjoni għas-sena skolastika 2020/2021:

1. Superviżjoni fuq il-mezzi ta' trasport għall-iskejjel

   Din is-superviżjoni tapplika biss għall-impjegati fl-iskejjel primarji. Is-superviżjoni għat-trasport għall-iskejjel issir fir-rotot tat-trasport li abbord il-vettura jkun hemm studenti tal-kindergarten. Is-superviżjoni fuq dawn ir-rotot issir għall-istudenti kollha fuq il-vettura.

2. Superviżjoni mal-wasla fl-Iskola

   Din is-superviżjoni tapplika għall-impjegati tal-iskejjel primarji, medji u sekondarji. Is-superviżjoni mal-wasla ssir qabel ma tibda l-ġurnata tal-iskola.

3. Superviżjoni waqt il-ħruġ mill-iskejjel

   Din is-superviżjoni tapplika għall-impjegati tal-iskejjel primarji, medji u sekondarji. Din is-superviżjoni titwettaq wara li tintemm il-ġurnata fl-iskola

4. Superviżjoni fiż-Żona Indikata (Żona Komuni/Klassi)

   Din is-superviżjoni ssir filgħodu qabel ma jibda l-jum tal-iskola u tapplika għall-impjegati tal-iskejjel primarji, medji u sekondarji. Dawn is-superviżuri jissorveljaw l-istudenti fiż-żoni komuni u fil-klassijiet qabel ma jibdew il-lezzjonijiet.

5. Superviżjoni fil-Klassi (għal għalliema awtorizzati biss)

   Din is-superviżjoni tapplika għall-impjegati tal-iskejjel primarji, medji u sekondarji. Din is-superviżjoni fil-klassi ssir matul il-jum tal-iskola għal-lezzjonijiet skedati. Il-ħlas għal din is-superviżjoni tal-istudenti titħallas ladarba l-għalliem awtorizzat jaqbeż it-teaching load kif stipulat fil-ftehim tal-GOV-MUT.

L-applikazzjoni għal dawn it-tipi kollha ta' superviżjoni issa hija miftuħa għall-edukaturi u/jew għall-gradi ġenerali fi ħdan l-Iskejjel tal-Istat.

Id-dmirijiet ta' superviżjoni jinsabu fl-Anness ma' din iċ-ċirkulari.

L-applikazzjonijiet huma aċċessibbli permezz tal-link li ġej:

https: //forms.office.com/Pages/ResponsePage.aspx?id=O3ivQUNSKEy3pGcsC57e0ubFVGpmLOVEkpQwvi25Uf9UOVM1WDFPRUxSUJRRQNRRDQ3SThOQU43Ti4u

L-edukaturi u l-persuni fil-gradi ta' servizz ġenerali jridu japplikaw għas-superviżjonijiet **kollha** fl-ordni tal-preferenza tagħhom.

**l-ewwel sejħa għal dawn l-applikazzjonijiet se tagħlaq il-Ħadd 20 ta' Settembru 2020 f'nofsinhar. Jekk jogħġbok applika sa din l-iskadenza. L-applikazzjoni se tibqa' attiva wara din id-data u l-applikanti li jissottomettu l-applikazzjoni tard se jiġu kkunsidrati fi stadju aktar tard.**

Direttur Ġenerali

Maria Galea